**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Dicembru, 2015**

**Talba Nru: 501/2015 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Paul Fenech**
**ID 459165M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Gunju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbe tilli l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u tmienja u ghoxrin ewro u centezmu (€1,428.01) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 10188847, 40093583, 40113748 u A/C40100666 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati:

- Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C 10188847;
- Dok IZY3 u Dok IZY4 – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C 40093583;
- Dok IZY5 u Dok IZY6 – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C 40113748;
- Dok IZY7 u Dok IZY8 – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C 40100666;
- Dok IZY9 – estratt mir-Registru Elettorali

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l- konvenut, bl-ingunzzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u lanqasipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici li ‘kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta’ elf, erba’ mija u tmienja u ghoxrin ewro u centezmu (€1,428.01) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill- konvenut ihallas l-ammont ta’ elf, erba’ mija u tmienja u ghoxrin ewro u centezmu (€1,428.01) bl-imghax legalimid-data tal-prezentata,  sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza  jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**